**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 9 – L-ERBGĦA, 12 TA' MARZU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzati | Simon Ellul Sullivan | Membru |

Il-Kumitat iltaqa' mar-residenti tal-inħawi ta' Triq il-Virdun. Dawn huma mħassba bil-pjanijiet li tinfetaħ skola f'din it-triq. Il-Kumitat ikkonferma li huma ser iżommu l-istess pożizzjoni li kienet ittieħdet fis-sena 2012 li joġġezzjonaw għal din l-iskola. Dan għandu jiġi kkomunikat lill-Avukat ta' dawn ir-residenti.

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 8

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 4.3 għandha tinbidel minn Ġunju għal Lulju.

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-minuti

2.1 Rigward il-paragrafu 2.3, is-Sur Alfred Mangion staqsa f'hiex wasal il-modifikazzjoni tas-soft area. Il-Kumitat ġie nfurmat li TM għadha lanqas biss ikkonfermat bil-kitba it-tabelli li twaħħlu. Għandhom jintbagħtu aktar reminders.

2.2 Is-Sur Alfred Mangion staqsa rigward paragrafy 4.1 u l-pożizzjoni tal-Kunsill. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kunsill ikkonferma l-istess pożizzjoni ta' qabel li t-tabelli jibqgħu kif huma. Is-Sur Alfred Mangion talab lista ta' min għandhom permess speċjali.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-laqgħa li saret mar-residenti tal-inħawi ta' Triq il-Virdun. Dawn huma mħassba bil-pjanijiet li tinfetaħ skola f'din it-triq. Il-Kumitat ikkonferma li huma ser iżommu l-istess pożizzjoni li kienet ittieħdet fis-sena 2012 li joġġezzjonaw għal din l-iskola. Dan għandu jiġi kkomunikat lill-Avukat ta' dawn ir-residenti.

3.2 Kien hemm qbil, li jiġi ppreżentat rendikont finanzjarju għall-Kumitat kull tliet xhur.

3.3 Ġie deċiż li l-Laqgħa Annwali tal-Kumitat issir fit-8 ta' April 2015 fis-7.00pm.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward in-nuqqas ta' ko-operazzjoni minn xi residenti li qed joħorġu l-borża tar-rubbish fil-ħinijiet. Ġie deċiż li jintalab is-servizzi ta' Green Warden lir-Reġjun Ċentrali.

4.2 Kien hemm ilmenti rigward bozza li inqalgħet minn Triq Birkirkara. Għandha ssir site visit biex tiġi stabbilita fejn tista' titwaħħal.

4.3 Kien hemm qbil li jsir double yellow line fi Triq il-Ħuttaf fejn is-sqaq.

4.4 Kien hemm diskussjoni fuq SGLC/T05/15, tender for the Sweeping and Cleaning in Kappara. Il-Kappara għandu jirrikomanda offerta lill-Kunsill. Ġie innutat li kien hemm 6 offerti kif ukoll offerta li waslet tard u ma tistax tiġi kkunsidrata. Il-Kumitat iddeċieda li jigu shortlisted tliet kuntratturi.

4.4.1 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions u ta' WM Environmental Ltd minħabba li l-prezz sottomess, wara li jitnaqqas il-VAT u l-Management Fee mhux biżejjed biex jitqabbad persuna full time biex jagħmel ix-xogħol.

4.4.2 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' SSCE minħabba li kienet l-aktar waħda għolja.

4.4.3 Għalhekk ġie deċiż li jiġu shortlisted il-kuntratturi Owen Borg, Alexander Fenech u Twish Co Ltd. Ġie deċiż li jifforma Bord magħmul minn Stefan Bonello Ghio u Alfred Mangion megħjuna mis-Segretarju Eżekuttiv biex jiltaqgħu ma' dawn il-kuntratturi li ġew shortlisted nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2015 fis-6.30pm.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 8 ta' April 2015 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier** **Stefan Bonello Ghio**